**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 199/21/F

**Louis Chetcuti**

**vs**

**National Gypsum Ltd**

Illum, 20 ta' Frar, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar id-19 ta' Novembru 2021;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar l-1 ta' Diċembru 2021;

Ra li s-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li s-soċjetà intimata tiġi kkundannata tħallsu s-somma ta' elf Euro (€1,000) rappreżentanti l-ispejjeż ta' materjal allegatament difettuż fornut minnha u "tal-anqas €500 biex jinqala' l-materjal ħażin u nerġa' nibda mill-ġdid, xogħol ta' invjar u jinfetħu l-fili".

Illi l-istess Rikorrent spjega li huwa kien xtara materjal għal "fuq il-fil" mingħand is-soċjetà intimata u meta ġie applikat dan il-materjal, "dam jumejn biex jinxef kompletament u kien jitfarfar u ma kienx b'saħħtu".

Illi r-Rikorrent ippreżenta sensiela ta' ritratti li jikkorroboraw dak minnu spjegat bil-ġurament waqt ix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal kif ukoll stima rappreżentanti l-valur tax-xogħol rimedjali li jrid isir.

Illi stante li la ppreżentat Risposta u lanqas ma attendiet għas-seduta, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent u b'hekk ukoll, il-verżjoni tiegħu tal-fatt tibqa' inkontradetta.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrent ipprova l-każ tiegħu b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, is-soċjetà intimata hija responsabbli li tikkumpensah.

Illi skont il-Qrati tagħna "ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-ġudikant ankè fis-sistema tal-liġi tagħna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propożitu deċiżjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn ġie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l' ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*" (***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***, PA, deċ. 13.10.2004);

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba ta' €1,000 magħmula mir-Rikorrenti hija verosimili u ġusta u għalhekk, tistoqq akkoljiment.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaha u jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrent is-somma ta' elf Euro (€1,000).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***